DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2013/308/PESK

tal-24 ta' Ġunju 2013

li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK [1] dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja.

(2) Il-Kunsill iqis li sabiex jiġi ffaċilitat id-djalogu politiku, il-projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar imposta fuq is-Sur Uladzimir Uladzimiravich Makei skont l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK għandha tiġi sospiża waqt li jżomm il-kariga ta' Ministru tal-Affarijiet Barranin tar-Repubblika tal-Bjelorussja. Is-sospensjoni għandha tkun soġġetta għar-reviżjoni msemmija fl-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK.

(3) Għalhekk id-Deċiżjoni 2012/642/PESK għandha tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 8 tad-Deċizjoni Nru 2012/642/PESK huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

1. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 3(1), safejn dawn japplikaw għas-Sur Uladzimir Uladzimiravich Makei, għandhom jiġu sospiżi waqt li jżomm il-kariga ta' Ministru tal-Affarijiet Barranin tar-Repubblika tal-Bjelorussja.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Ottubru 2013. Hija għandha tinżamm taħt reviżjoni kostanti. Hija tista' tiġġedded jew tiġi emendata, kif adatt, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma jkunux intlaħqu."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-24 ta' Ġunju 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

C. ASHTON

[1] ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1.